**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)**

Kump Nru 53/2023.

**Il-Pulizija**
(Spett.Bernard C. Spiteri)

Vs

**Rammi Rajab Ali Ratima**

**Illum, 21 ta' Lulju, 2023**

Il-Qorti,

Rat l-Akkużi miġjuba kontra **Rammi Rajab Ali Ratima** ta' 32 sena, iben Rajab u Fajruz, imwieled il-Libja nhar it-3 ta' Jannar 1990, u residenti Marina Court, Flat 5, Triq ix-Xatt, Żebbuġ, Għawdex detentur tal-karta tal-identità bin-numru 143334A u akkużat talli nhar 27 ta' Ottubru 2022 għall-ħabta ta' 4,30pm fil-Menqa, Żebbuġ, Għawdex u/jew fil-viċinanzi:

1. Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, ikkaġunajt ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioè offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ibrahim Mohamed, hekk kif ċertifika Dott. Joseph Vella M.D.;

2. U aktar talli fil-istess lok, ħin, data u ċirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

3. U aktar talli irrenda ruħu reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenza mogħtija mill-Qrati ta' Malta u /jew Għawdex, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistgħux jiġu mibdula.

F'każ ta' ħtija il-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Ibrahim Mohammed u dan ai termini tal-Art. 382A u 383 et seq. tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hi ġentilment mitluba illi minn issa tipprovdi għal garanzija ta' Ibrahim Mohmmed skont l-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Lulju 2023, l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontrih;

Rat id-dokumenti kollha;

Rat il-provi;

Ikkunsidrat:-

Illi fil-każ de quo, il-Qorti semgħet illi l-akkużat u l-parte ċivile kienu qegħdin fil-preżenza ta' xulxin dakinhar tal-inċident u kellhom xi jgħidu. Filfatt huma ġew fl-idejn u l-akkużat xejjer daqqa ta' ħarta lill-parte ċivile waqt l-argument. Dak il-ħin, l-akkużat kien liebes ċurkett pjuttost kbir u waqt li xejjirlu d-daqqa, huwa laqtu fuq l-*eyebrow* tan-naħa tal-lemin tal-parte ċivile u weġġgħu. Jirriżulta illi l-akkużat u l-parte ċivile għadhom ħbieb u jitkellmu ta' sikwit. Di più, il-Qorti semgħet ukoll illi l-parte ċivile ħafer lil-akkużat u li jixtieq jirtira dak kollu li hu rinunzjabbli.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tiegħu, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti semgħet illi dan kien inċident ta' darba bejn il-partijiet u li llum-il ġurnata huma nsew dan l-inċident u tefgħuħ warajhom. Min-naħa l-oħra, l-Qorti għandha tiċċensura l-fatt li meta persuna jkollha xi argument ma persuna oħra, qatt m'għandu jsir użu mill-vjolenza, la fiżika u lanqas verbali, u ta' dan in-nuqqas l-akkużat għandu jwieġeb bil-piena tiegħu. Illi fil-fehma tal-Qorti, dan l-inċident ma jimmeritax piena karċerarja effettiva iżda l-piena ta' libertà kondizzjonata. Min-naħa l-oħra però, jirriżulta wkoll li l-akkużat huwa reċidiv u b'hekk huwa idoneju li l-piena tingħata fil-massimu tagħha u dan sabiex għall-perjodu tal-piena, l-akkużat jiftakar u jitgħallem li dan il-komportament m'huwiex tollerat fis-soċjetà tagħna.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 31, 49, 50, 214, 216 u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Rammi Rajab Ali Ratima <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tillibera lill-ħati bil-kondizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor fi żmien **<u>tlett (3)</u> snin** mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem li huwa jifhem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali li

ġie akkużat bihom f'dan il-każ kif ukoll għal dawk ir-reati li tagħhom ikun instab ħati.

Illi l-Qorti tqis li peress li ġie dikjarat li l-ħati ħallas dak kollu li kien mitlub mill-parti derubata, ma tarax li hemm il-ħtieġa tal-applikazzjoni tal-Artikolu 532A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi finalment il-Qorti tqis li m'hemmx ħtieġa ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li l-akkużat u l-parte ċivile irriżolvew id-diffikultajiet li kellhom fl-imsemmi argument u jidher li llum-il ġurnata għandhom relazzjoni tajba flimkien.

**Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Diane Farrugia**
**Deputat Reġistratur**